# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 2**

**Avviz numru 1423/99/SM**

**Antonio u Carmen konjugi Mercieca.**

**vs**

**Mary Grace Borg u Mahmoud Alhimid.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 1 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u sitta u sittin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm866.35,0) rappresentanti hlas ta' konsum ta' dawl, ilma u telefon kemm damu joqghodu fil-fond "The Canes", Flat 2, Bay Steps, St. Julians,**

**liema fond kien mikri lilhom mill-attur bl-imghaxijiet legali mill-presentata tal-pagament effettiv;**

**2. Bl-ispejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha wara li ppremettew illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti, eccepew is-segwenti:**

**1. Illi fil-mertu l-ammont mitlub mhux dovut kollu stante li l-ftehim li sar mall-atturi kien li l-esponenti kellhom ihallsu l-konsum ta' dawl u ilma ghall-perjodu li jdumu jokkupaw il-fond "The Canes", Flat 2, Bay Steps, San Giljan b'titolu ta' kera, ossija erba' xhur, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri datata t-13 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konventi eccepew ulerjarment is-segwenti:**

**1. Illi l-eccepjenti Mary Grace Borg qatt ma tista' tinzamm responsabbli ghall-hlas ta' ammonti li jirreferu ghal qabel id-data taz-zwieg taghha mal-konvenut Mahmoud Alhimid;**

**2. Illi peress li kif irrizulta mill-provi l-eccipjent huwa ta' nazzjonalita' estera u l-atturi ma kellhomx il-permessi mehtiega skond il-ligi sabiex ikunu jistghu jikru l-fond in kwistjoni lill-barranin, it-talba taghhom hija nfondata ghaliex bazata fuq kawza illecita;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi u hadet in konsiderazzjoni l-verbal tar-rapprezentant legali tal-konvenuti li rrimetta ruhu ghall-fatti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-atturi krew il-fond "The Caves", Flat 2, Bay Steps, San Giljan lil missier il-konvenut Alhimid fl-1995;**

2. **Illi meta missier il-konvenut hareg mill-imsemmija kirja fl-1997 l-istess fond inkera lill-konvenut;**

3. **Illi fil-perjodu li l-istess fond dam fil-pussess tal-konvenuti dawn tellghu l-ammont indikat fl-avviz de quo bhala kontijiet ta' konsum ta' dawl u ilma, u telefon;**

4. **Illi nonostante li kienu mitluba jghamlu tajjeb ghal dan, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghahekk ittiehdet din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-eccezzjonijiet sollevati huma ghal kollox frivoli ghaliex hawn si tratta ta' kirja normali ta' residenti ordinarji li huma cittadini Maltin;**

**Illi mill-bqija din il-qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati ghar-ragunijiet premessi, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mija u sitta u sittin Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu, (Lm866.35,0), kif mitlub, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**